MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 699/2001/1

**Salvu Fenech ta’ Spekna Limited**

**vs**

**Karl Bonello u l-kumpanija Kurrier Holdings Limited ghal kull interess li jista’ jkollha**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta’ Mejju, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti, jew min minnhom, sabiex thallas is-somma ta’ erbat elef u hamsa u tletin lira Maltija (Lm4,035) rappresentanti hlas dovut ghal xoghol ta’ thaffir ta kanal, tnehhija ta’ materjal, tqeghid ta’ ‘cable’ tad-dawl u cangatura,

ghoti ta’ tarmak u xoghol iehor li sar fuq inkarigu tieghu gewwa Hal Ferh, limiti ta’ Ghajr Tuffieha.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali datati 5 ta’ Jannar 2001, 7 ta’ Frar 2001, 9 ta’ Marzu 2001, u tal-ittra ufficjali tat-12 ta’ Frar 2001 u bl-imghaxijiet mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-eventwali hlas ilkoll kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Karl Bonello pro et noe fejn eccipixxa illi:

1 In linea preliminari, l-eccipjenti jitolbu illi jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju f’din il-kawza, stante illi la s-socjeta Kurrier Holdings Limited u wisq anqas il-konvenut Karl Bonello personalment ma qatt kellhom relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta attrici fir-rigward tax-xoghlijiet meritu tal-azzjoni odjerna;
2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, izda wkoll in linea preliminari, l-eccipjenti umilment jirrilevaw illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-ligi;
3 Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fuq il-meritu, l-eccipjenti jichdu bl-aktar mod kategoriku illi huma, jew min minnhom, huwa debitur tas-socjeta attrici, stante illi, fl-ewwel lok, l-ebda rata ta’ prezz ghax-xoghol ezegwit ma qatt gie miftiehem bejn il-kontendenti, liema rati u prezzijiet relattivi gew miftehma biss bejn is-socjeta Kurrier Holdings Limited u terzi illi gew effettivament inkarigati li jaghmlu dan ix-xoghol, u liema rati u prezzijiet miftehma kienu nferjuri ghal dawk li qed jigu reklamati mis-socjeta attrici;
4 Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti ma ghandhom ihallsu xejn lis-socjeta attrici billi, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza, is-socjeta Kurrier Holdings Limited sofriet danni, konsistenti fi tnaqqis fil-prezz imhallas lilha mill-klijent b’kagun

ta' hsarat ikkagunati mis-socjeta attrici fl-ezekuzzjoni tax-xoghol ezegwit minnha.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Bl-ewwel eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti qeghdin jeccepixxu illi huwa ghandhom jigu lliberati mill-osservanza ta' gudizzju billi qatt ma' kellhom relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta' attrici fir-rigward tax-xogholijiet mertu ta' l-azzjoni odjerna.

Biex jaslu ghall-prova sodisfacenti dwar dak li qed jallegaw huma strahu fuq id-deposizzjoni ta' Karl Bonello, l-konvenut, li jallega illi l-kuntratt ossia s-sotto kuntratt li kien ikkonceda ghat-thaffir tat-trinek fil-progett ta' Hal Ferh f' Marzu ta' l-1998, huwa kien ghamlu ma' Goerge Grech ta' Ritemix ltd u ghalhekk kien qed jippretendi illi x-xoghol kellu jigi esegwit minn din il-kumpanija u li ma' din il-kumpanija biss huwa kellu relazzjonijiet kuntrattwali.

Izda ghalkemm l-istess Karl Bonello jirrikonoxxi illi huwa kien intebah li x-xogholijiet effettivament kienu qed jigu esegwiti mill-ahwa Fenech tal-kumpanija Spekna Ltd, huwa nsista illi r-relazzjonijiet tieghu dejjem baqghu mal-kumpanija Ritemix ltd.

Pero' apparti li dan huwa kontradett mill-ahwa Fenech u minn l-istess George Gatt ta' Ritemix ltd illi jiddikjaraw illi qabel ma' nbdew ix-xogholijiet kienet saret laqgha fejn George Gatt kien

introduca lill-ahwa Fenech ta’ Spekna Ltd lill-konvenuti, u li l-ahwa Fenech kienu f’ dik il-laqgha inghataw l-istruzzjonijiet biex jibdew ix-xoghol u anke kienu nfurmati bir-rati ta’ hlas, jirrizulta illi almenu wara li tlesta x-xoghol il-konvenut, anke ghan-nom tal-konvenuti Kurrier Holdings ltd, irrikonoxxa illi x-xoghol kien effettivament sar mill-kumpanija attrici.

Infatti f l-20 t’ Ottubru ta’ l-1998 kien hallas direttament lil Salvu Fenech is-somma ta’ elf u hames mitt lira Maltin (LM 1,500) akkont tal-prezz tax-xogholijiet tat-thaffir tat-trinek u t-trattattivi kollha li saru sussegwenti sabiex jigi saldat id-debitu dovut mill-konvenuti kienu saru esklussivament ma’ l-ahwa Fenech u mad-difensur taghhom kif anke jippruvaw l-ittri spediti stess mill-konsulenti tal-konvenuti.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkonkludi illi huwa ampjament ippruvat illi, anke jekk fl-ewwel stadju tat-trattattivi dwar l-appalt li kien ser jigi moghti mill-konvenut il-kuntatti kienu qed isiru ma’ xi kumpanija ohra, fil fatt ir-relazzjoni guridika li nholqot meta bdew jaghmlu xogholijiet l-atturi kienet bejn il-kontendenti f’ din il-kawza, bil-konvenuti mhux biss jirrikonoxxu illi x-xoghol gie esegwit mill-kumpanija attrici izda anke ghamlu pagamenti akkont dirett u anke ittrattaw dwar il-pagament tal-bilanc ma’ l-istess atturi.

Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament ippruvat illi l-konvenut Karl Bonello huwa direttur tal-kumpanija konvenuta Kurrier Holdings ltd u kienet din il-kumpanija konvenuta li effettivament hadet l-appalt minghand l-Airmalta biex tesegwixxi xogholijiet ta’ thaffir ta’ trinek f’ Hal Far f’ Marzu ta’ l-1998.

Jirrizulta ukoll illi George Gatt ta’ Ritemix Ltd kien ukoll infurmat sew illi Karl Bonello fit-trattattivi mieghu kien qed jitkellem biss bhala

rapprezentant ta' Kurrier Holdings Ltd kif del resto huwa jikkonferma fl-affidavit tieghu tad-19 t' April ta' l-2002. Anke l-faxes skambjati minn l-istess George Gatt u Karl Bonello kienu jindikaw illi t-trattattivi kienu qed isiru biss ma' Kurrier Holdings ltd.

Ghaldaqstant wiehed logikament jistenna illi meta George Gatt introduca lil Karl Bonello ma' l-ahwa Fenech, l-atturi, huwa kien introducieh mhux fil-vesti personali tieghu izda bhala rapprezentant ta' Kurrier Holdings Ltd li kienu hadu t-tender ta' l-Airmalta biex jghamlu x-xogholijiet li kienu qeghdin jirrikjedu minghand l-atturi.

Inoltre, ic-cirkostanzi l' ohra tal-kaz, kompriz il-fatt illi l-atturi kienu qed jesgwixxu xogholijiet f' Hal Ferh flimkien ma' haddiema ohra tal-kumpanija konvenuta Kurrier Holdings Ltd u kien ukoll evidenti li dawn ix-xogholijiet ukoll kienu qed jigu esegwiti fl-interess ta' l-Airmalta, kellhom iwasslu biex l-atturi jkunu informati bizzejjed illi l-appalt li nghata lilhom ma' kienx gie moghti minn Karl Bonello personali izda mill-kumpanija Kurrier Holdings Ltd li effettivament ghamlet tentattiv ta' pagament akkont bic-cheque ta' Ottubru, 1998.

Ghaldaqstant ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni limitatament, billi tiddikjara illi Karl Bonello personalment m' ghandu l' ebda relazzjoni kuntrattwali u lanqas guridika mas-socjeta' attrici u illi ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju. Filwaqt illi tichad dina l-eccezzjoni fejn jirrigwarda li l-kumpanija konvenuta Kurrier Holdings Ltd.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti ghandu jinghad illi fin-nuqqas ta' indikazzjoni preciza tal-preskrizzjoni partikolari illi l-konvenuti qeghdin jopponu ghat-talba attrici, din il-Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' tali eccezzjoni jew milli

tghazel dik il-preskrizzjoni li tista’ tkun applikabbli ghall-kaz in kwistjoni.

Ghaldaqstant qeghdha tirrespingi l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni. Izda f’ dan ir-rigward tajjeb li jinghad illi l-avviz odjern biex inbdew il-proceduri gudizzjarji kien gie intavolat fis-27 ta’ Lulju, 2001 u illi almenu sas-6 ta’ Frar, 2001, (ara ittra dokument SF 4 a fol 50 tal-process) il-konvenuti kienu ghadhom qeghdin jirrikonoxxu illi huma debituri tal-kumpanija attrici fl-ammont intier illi dawn kienu qeghdin jippretendu, b’ ilment wiehed biss li jirrigwarda xi danni illi huma sofrew minhabba x-xoghol tal-kumpanija attrici liema danni wassal biex il-konvenuti sborsaw somma ta’ elf lira Maltin (LM 1,000).

Ghalhekk ebda preskrizzjoni ma’ setghet tkun applikabbli billi miz-zmien li fih saret l-ammissjoni tal-kreditu ta’ l-atturi saz-zmien meta gie ntavolat l-avviz odjern, kienu ghadhom lanqas iddekorrew sitt xhur.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, kif diga’ gie rilevat, kemm mill-korrispondenza skambjata bejn il-kumpaniji kontendenti kif ukoll mill-pagament akkont illi ppruvaw jghamlu l-konvenuti minghajr ebda riserva, jirrizulta illi dwar l-ammont dovut lill-kumpannija attrici ghax-xoghol minnhom maghmul ma’ tirrizulta ebda kontestazzjoni u illi s-somma dovuta mill-konvenuti lill-atturi hija dik ta’ erba’ t elef, hamsa u tletin lira Maltin (LM4,035) illi qeghdin jitolbu dawn il-proceduri.

Ghalkemm Karl Bonello fid-deposizzjoni tieghu jallega li f’ xi fazi mix-xoghol maghmul mill-attur seta’ sar xi xoghol hazin illi minhabba fih huwa sofra danni, huwa m’ghamel ebda talba gudizzjarja kontra l-attur fejn ghamel xi accenn specifiku ghal tali danni u zammhom responsabbli ghalihom. Anzi filwaqt illi jafferma illi haddiema tieghu ghamlu ukoll xogholijiet relatati ghax-xoghol

> maghmul mill-attur ma’ setax jiddentifika bi precizjoni, ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti, x’ kien id-difett li setghu ghamlu l-atturi fl-esekuzzjoni tax-xoghol taghhom biex din il-Qorti tista' tasal biex tillimita t-talba attrici ghal dak ix-xoghol li gie minnhom esegwit skond l-arti u s-sengha.
>
> Ghaldaqstant tirrespingi anke l-eccezzjonijiet sollevata mill-konvenuti fil-mertu u ssib illi l-atturi huma ntitolati ghall-hlas tas-somma mitluba ta’ erba’ telf  u hamsa u tletin lira Maltin (LM 4,035) u konsegwentement tilqa t-talba attrici fil-konfront ta’l-kovenuti Kurrier Holdings Limited u tikkundanna lill-din il-kumpanija sabiex thallas lill-atturi is-somma mitluba ta LM4035 bl-imghax legali mit-12 ta Frar 2001 ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.
>
> Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti Kurrier Holdings Limited.**”**

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza biex titlob il-modifika taghha in kwantu illiberat lill-konvenut Karl Bonello mill-osservanza tal-gudizzju;

Kjarament il-kwestjoni kollha involuta f’ dan l-appell hi dik jekk il-konvenut personalment ghandux hu wkoll jirrispondi personalment ghal pretensjoni kreditorja tas-socjeta` attrici reklamanti l-hlas tas-sub-appalt, u allura ghandhiex din il-Qorti twarrab il-konkluzjoni tal-Qorti ta’ l-ewwel grad fejn sostniet l-eccezzjoni li l-konvenut Karl Bonello ma kienx il-legittimu kontradittur;

In tema, gja din il-Qorti kellha okkazjoni tikkummenta illi “b’ relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem dak l-att jew pluralita` ta’ atti konnessi li jimmiraw ghall-produzzjoni ta’ effett guridiku fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar.  Tali att jew atti huma, imbaghad, ravvizabbli minn manifestazzjoni ta’ volonta`, ossija ta’ dik

l-imgieba li in bazi ghac-cirkustanzi li fih tavvera fit-traffiku guridiku tnissel fid-destinatarju t-tfisira li l-parti trid tipproduci l-konsegwenzi guridici predetti" ("**Burmarrad Commercials Ltd -vs- Desmond Mizzi *et***", Appell Inferjuri, 28 ta' Frar, 2007). Dan necessarjament jimporta illi l-gudikant, imsejjah biex jiddetermina l-kwalita` tal-litiskonsorju legittimu tal-konvenut, jehtieglu janalizza mill-korp tal-provi jekk dan jikkonfigurax bhala s-soggett idoneju konness mar-rapport guridiku dedott fil-gudizzju;

Mill-fatti prodotti jirrizulta illi fl-1998 is-socjeta` Kurrier Holdings Limited inghatat b' appalt mill-Air Malta xoghlijiet varji fil-kumpless ta' Hal Ferh. Jirrizulta li parti minn dawn l-istess xoghlijiet gew sub-appaltati lil George Gatt ta' Rite Mix Ltd. Jirrizulta wkoll li dan ta' l-ahhar gab f' kuntatt lis-socjeta` appaltatrici mas-socjeta` attrici ghal negozjati dwar xoghol ta' thaffir ta' trinek ghat-tqeghid ta' *cable* fl-istess kumpless. Ghalkemm zmentit mill-konvenuti, jirrizulta illi effettivament intlahaq ftehim kemm dwar dan ix-xoghol u l-prezz relattiv ghall-ezekuzzjoni tieghu. Il-punt in diverbju huwa jekk dan il-ftehim kontrattwali ntlahaqx mal-konvenut personalment jew mas-socjeta` konvenuta kif rapprezentata minnu;

Hi gurisprudenza konsolidata, illi meta kontraenti ma jiddivulgax lil kontraenti l-iehor fil-mument tal-kontrattazzjoni illi n-negozju kien qed jaghmlu f' isem kumpanija, hu prezunt li hu kien qieghed hekk jikkuntratta f' ismu personali. Ara "**Anthony Caruana *et* -vs- John Magro *et***", Appell, 6 ta' Ottubru 1999. Dan, del resto, hu hekk sew deducibbli anke mid-dispost ta' l-Artikolu 1871 (1) u (2) tal-Kodici Civili taht l-istitut tal-mandat. Ara f' dan is-sens is-sentenza tal-Prim' Awla Qorti Civili ta' l-14 ta' Novembru 1966 in re: "**Bernard Attard -vs- Raymond Cassar Torreggiani**". B' mod tassew inciziv gie mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri ritenut illi "l-appellanti (konvenuti fil-kawza) kellhom jipprovaw mhux biss li n-negozju sar ghas-socjeta` gestita mill-appellant imma wkoll illi fil-mument meta sar tali negozju s-socjeta` attrici kienet konsapevoli tal-fatt illi min pogga l-ordni maghha u min

maghha kien ikkonkluda n-negozju kien qieghed f' dak il-mument jagixxi in rapprezentanza tas-socjeta` gestita mill-konvenut. Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f' dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b' mod car u univoku illi f' dik il-kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f' ismu imma f' isem persuna ohra ben identifikata" ("**John Vella *nomine* -vs- Anthony Vella *et***", 3 ta' Dicembru, 1999;

Jitnissel minn dan illi l-konsapevolezza fis-socjeta` attrici tista' tirrizulta jew ghaliex fil-kors tan-negozjati Karl Bonello rrivela l-kwalita` tieghu ta' rapprezentant tas-socjeta` konvenuta Kurrier Holdings Ltd jew ghaliex ic-cirkustanzi tal-kaz kienu jissuggerixxu illi s-socjeta` attrici, jew ahjar ir-rapprezentant taghha, kien xjenti mill-fatt illi l-konvenut Bonello kien qed jikkontratta ghas-socjeta` tieghu. Naturalment, kif ukoll ritenut, "jispetta lil gudikant li jizen ic-cirkustanzi ta' kull kaz biex jasal ghal konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji" ("**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**", Appell, 6 ta' Ottubru, 1999);

Is-socjeta` attrici appellanti tikkwerela l-gudizzju ta' l-ewwel Qorti fuq dan l-aspett billi tikkontendi illi l-valutazzjoni tal-provi kellha twassal ghall-konvinciment kuntrarju. Din il-kontenzjoni taghha titqieghed minnha principalment fuq l-affermazzjoni guramentata ta' Saviour Fenech (fol. 21) u ta' Ganni Fenech (fol. 23), rapprezentanti ta' l-istess socjeta` appellanti, illi huma saru jafu ghall-ewwel darba bl-ezistenza tal-kumpanija konvenuta meta rcevew l-ewwel pagament akkont minghandha b' cekk li juri l-isem tal-kumpanija;

Fil-hsieb tal-Qorti, il-hlas b' dak ic-*cheque* ma jistax ikollu wisq importanza biex jiddetermina illi l-ftehim kien effettivament sar mas-socjeta` konvenuta Kurrier Holdings Ltd. Dan kemm ghaliex hlas b' dak il-mod mhux projbittiv

mil-ligi jekk dan ikun ta' vantagg ghad-debitur ta' l-obbligazzjoni (Artikolu 1149, Kodici Civili), kif ukoll ghal fatt illi, fundamentalment, dak li hu l-aktar rilevanti ghandu logikament rapport mal-qaghda fiz-zmien tan-negozjati fuq l-appalt jew sub-appalt;

Fuq ir-riezami taghha tar-rizultanzi istruttorji din il-Qorti ssibha difficli, anke fl-assenza ta' ftehim bil-miktub, biex taccetta dak propost jew suggerit mir-rapprezentanti tas-socjeta` appellanti illi huma kienu injari mill-ezistenza tal-kumpanija konvenuta qabel ir-ricezzjoni tac-*cheque*. Dan ghar-raguni illi l-istess persuna li introduciethom mal-konvenut dikjaratament jammetti illi l-kumpanija tieghu nghatat xoghol gewwa Hal Ferh "minn Karl Bonello ta' Kurrier Holdings Ltd" (ara Affidavit ta' George Gatt a fol. 25). Anke jekk hemm qbil ma' dak sostenut mis-socjeta` appellanti illi mhux vitali ghas-soluzzjoni tal-punt dibattut lil min inghata t-*tender* mill-Air Malta, mhix illogika jew xort' ohra vizzjata, l-osservazzjoni ragonata ta' l-ewwel Qorti illi l-introduzzjoni maghmula mix-xhud imsemmi ma setghetx ma tkunx komprensiva tal-fatt illi l-konvenut kien biss ir-rapprezentanti ta' l-imsemmija socjeta`. Wara kollox, l-istess George Gatt, ossija l-kumpanija tieghu Rite Mix Ltd, kienet diga` hi stess qed tikkonduci xoghlijiet fl-istess kumpless, lilha kommissjonati b' sub-appalt mill-kumpanija Kurrier Holdings Ltd. Fatt dan, li, apparentament, kien ukoll a konoxxenza ta' Salvu Fenech. Ara Affidavit tieghu a fol. 21, senjatament fejn jghid li hu kien jaf li George Gatt qed jahdem fuq il-post;

Bhall-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti tista' tghid li hi wkoll konvinta illi n-negozjati kkonsolidaw ruhhom mal-kumpanija konvenuta u mhux direttament mal-konvenut in veste personali. Li jgib illi l-effetti guridici skaturanti ghandhom ikunu imputati lill-isfera guridika tas-socjeta` konvenuta u mhux ukoll riversati fuq il-konvenut personalment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din il-procedura jibqghu a karigu tas-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------